



---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2022/2090(DEC)**

24.1.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2021: Baġit ġenerali tal-UE - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna  
(2022/2090(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Carina Ohlsson

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), il-livell ta' żball tas-SEAE fl-infiq ma kienx materjali u li l-Qorti ma sabet l-ebda kwistjoni sinifikanti relatata mas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tiegħu;
2. Josserva, xorta waħda, li fil-kampjun ta' tranżazzjonijiet il-Qorti sabet żewġ żbalji kwantifikabbli f'pagamenti li saru mis-SEAE;
3. Jilqa' favorevolment l-isforzi tas-SEAE biex jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri anki fil-grad għoljin fis-sede ċentrali u fid-delegazzjonijiet tal-UE;
4. Jiddeplora n-nuqqas ta' diversità kif ukoll l-iżbilanċi ġeografiċi u f'termini ta' ġeneru li fadal fost il-persunal tas-SEAE kif ukoll ir-ritmu baxx fit-titjib ta' dawn il-kwistjonijiet; itenni l-importanza li jiġu garantiti distribuzzjoni intersezzjonali, aktar diversità u ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll il-promozzjoni ta' bilanċ tal-persunal f'termini ta' ġeneru u ta' oriġini ġeografika fi ħdan kategoriji u gradi differenti, partikolarment fil-livelli maniġerjali superjuri;
5. Jinkoraġġixxi li jitkomplew l-isforzi biex jiġġedded il-persunal ta' bażi tas-SEAE u biex jiġi żviluppat korp diplomatiku Ewropew permanenti u speċjalizzat permezz ta' kompetizzjonijiet miftuħa speċjalizzati organizzati perjodikament, bil-għan li jirreklutaw persuni b'varjetà ta' talenti, ħiliet u potenzjal;
6. Jistieden lis-SEAE jagħti l-eżempju, kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III, u jtejjeb b'mod sinifikanti r-rappreżentanza tan-nisa u tal-gruppi emarġinati fil-livelli kollha bil-għan li tintlaħaq mill-aktar fis possibbli l-parità tal-ġeneru fil-pożizzjonijiet maniġerjali u ta' ġestjoni, tmexxija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u proċessi ta' reklutaġġ sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; jistieden lis-SEAE jiżgura l-implimentazzjoni adegwata tar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u tar-riżoluzzjonijiet relatati;
7. Jitlob li jkun hemm strateġiji effikaċi ta' taħriġ dwar il-kwistjonijiet tal-ġeneru fi ħdan is-SEAE; jisħaq fuq l-importanza tal-investimenti fir-riżorsi u fl-għarfien espert biex jiġu żviluppati strateġiji ta' taħriġ u edukazzjoni ċċentratu fuq l-applikazzjoni ta' approċċ bbażat fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-politiki u għall-programmi internazzjonali bil-għan li tinkiseb bidla kulturali reali fi ħdan is-SEAE; jispeċifika li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-inkorporazzjoni tal-mekkaniżmi għall-integrazzjoni tal-aspetti tal-ġeneru, għall-indirizzar tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru, għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru u għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jissuġġerixxi l-adozzjoni ta' programm ta' taħriġ komprensiv għall-implimentazzjoni adegwata tal-GAP III fil-livelli kollha tas-SEAE;
8. Jappella lill-Istati Membri kollha jinnominaw aktar nisa u kandidati minn gruppi

emarġinati għal pożizzjonijiet issekondati fis-SEAE; jiġbed l-attenzjoni għar-rappreżentanza żejda ta' diplomatiċi ta' xi Stati Membri fost il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet u jappella biex isiru aktar sforzi bil-għan li jiġu indirizzati dawn l-iżbilanċi; iħeġġeġ lis-SEAE johlq u jikkondividi linji gwida dwar l-aħjar Prattiki dwar it-tweqqif tal-proċeduri ta' rekrutazzjoni sabiex jiġu żgurati diversità, ftuħ, ġustizzja u trasparenza;

9. Jinnota l-impatt ġeopolitiku tal-aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna u, konsegwentement, il-bżonn dejjem akbar li l-Unjoni timmobilizza l-pajjiżi sħab fid-dinja kollha u tibni alleanzi globali madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni; jišhaq fuq l-importanza tal-investimenti kostanti f'impenn politiku qawwi u f'effett ta' lieva flivell bilaterali, kif ukoll fid-diplomazika pubblika u kulturali biex jiġu promossi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni, u fil-komunikazzjonijiet strateġiċi biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni;
10. Jitlob lill-UE tiżviluppa s-sett ta' għodod tagħha għall-ġlieda kontra l-indhila, il-propaganda u l-operazzjonijiet ta' influwenza barranin, inkluż l-iżvilupp ta' strumenti ġodda li jippermettu li jiġu imposti kostijiet fuq daww responsabbli u t-tiħiħ ta' strutturi rilevanti, b'mod speċifiku t-task forces għall-komunikazzjoni strateġika tas-SEAE; jitlob li l-mandat tiegħu jitwessa', anki fir-rigward tad-diżinformazzjoni sponsorizzata mill-Istat li tkun ġejja miċ-Ċina u mil-Lvant Nofsani, b'mod partikolari mill-Iran, u jkun mgħammar b'aktar riżorsi finanzjarji u umani neċessarji;
11. Jistieden lis-SEAE jiżgura livelli adegwati ta' ċibersigurtà għar-riżorsi, għall-bini u għall-attivitajiet tiegħu, inklużi s-sede ċentrali tiegħu u d-delegazzjonijiet tal-UE;
12. Jilqa' pożittivament il-fatt li s-SEAE saħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali tiegħu mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u man-NATO rigward il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indhila barrani; huwa konvint mill-fehma li s-SEAE għandu mhux biss ipoġġi enfasi fuq id-diżinformazzjoni li tkun ġejja minn pajjiżi terzi, iżda wkoll jiżvela s-sorsi li jxerrdu tip ta' diżinformazzjoni identika jew simili anki fi ħdan l-Unjoni; ifaħħar lis-SEAE għar-risposti rapidi tiegħu għal dak li jiġri fuq livell globali;
13. Jitlob li jissaħħu t-taqsimiet tad-delegazzjonijiet tal-UE li jieħdu ħsieb il-politika, l-istampa u l-informazzjoni, bil-għan li jkollhom livell suffiċjenti u adegwat ta' persunal, għarfien espert u riżorsi finanzjarji ħalli jikkontribwixxu biex jitwettqu l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;
14. Iħeġġeġ lis-SEAE jagħti segwitu mill-aktar fis għad-dikjarazzjoni tiegħu skont liema biħsiebu jadotta u jimplementa dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni awtonomi fil-qasam tal-attivitajiet u tal-inkarigi esterni, li joħlqu bażi ġuridika *sui generis* għall-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet biex jiproteġu aħjar id-dehra u r-reputazzjoni tal-Unjoni fit-totalità tagħha;
15. Jinkoraġġixxi lid-delegazzjonijiet tal-UE jipromwovu l-atturi lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali fil-pajjiżi terzi, u jikkollaboraw magħhom, biex jiġi stimolat id-djalogu soċjali u d-djalogu dwar l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob lid-delegazzjonijiet tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib il-qagħda tad-demokrazija fid-diversi pajjiżi u jagħtu appoġġ loġistiku u teknoloġiku lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli indiġeni, b'mod

partikolari lin-nisa; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jkomplu bl-isforzi koordinati tagħhom biex iżidu l-viżibbiltà tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 54 -: 6 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alexandrov Yordanov, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Reinhard Bütikofer, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Thierry Mariani, Pedro Marques, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Matjaž Nemec, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna-Michelle Asimakopoulou, Özlem Demirel, Markéta Gregorová, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Carina Ohlsson, María Soraya Rodríguez Ramos
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Manon Aubry, Damien Carême, Theresa Muigg, Younous Omarjee, Ivan Štefanec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

54	+
ID	Susanna Ceccardi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Ivan Štefanec, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Salima Yenbou
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Karsten Lucke, Pedro Marques, Sven Mikser, Theresa Muigg, Matjaž Nemeč, Carina Ohlsson, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Sergei Stanishev
Verts/ALE	Reinhard Bütikofer, Damien Carême, Markéta Gregorová, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

6	-
ECR	Charlie Weimers
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani, Bernhard Zimniok
NI	Kostas Papadakis
The Left	Marisa Matias

4	0
ECR	Anna Fotyga
The Left	Manon Aubry, Özlem Demirel, Younous Omarjee

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni